MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 196/2002/1

**Emanuel Azzopardi**

**Vs**

**Matthew Pace u Adrian Pace**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf erbgha mija u sebgha u tletin lira Maltija u centezmu (Lm1,437.01) dovuta in konnessjoni ma' xoghol ta' *dry cleaning* li sar mill-attur.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenuti u li permezz taghha eccepew:-

(1) L-attur ma ppresta l-ebda servizz lill-konvenuti.

(2) Il-partijiet kellhom socjeta civili li permezz taghha l-partijiet qablu li jiggestixxu hanut appartenenti lill-

eccipjenti u jaqsmu l-profitti, liema socjeta ma gietx espressa f'forma skritta u ghalhekk hija nulla skond l-Artikolu 1233(1)(f) tal-Kodici Civili.

(3) L-eccipjenti hallsu spejjez in konnessjoni man-negozju, liema ammonti kienu dovuti pro rata mill-attur u ma avvanza l-ebda bilanc ghall-eventwali distribuzzjoni bejn is-shab.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. L-attur huwa l-propjetarju tal-*Queens Dry Cleaning*.

2. L-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' elf erbgha mija u sebgha u tletin lira Maltija u centezmu (Lm1,437.01) ghal xoghol ta' *dry cleaning*.

3. Il-konvenuti kellhom fond mikri ghandhom ghas-somma ta' lira u hamsin centezmu [Lm1.50] kuljum u kienu jhaddmu persuna b'paga ta' Lm54 fil-gimgha.

4. Wara li sar ftehim ma' l-attur [mhux bil-miktub], dan il-fond beda jintuza ghal *dry cleaning*. Kull ma kien isir f'dan il-post kien li l-klijent ihalli l-affarijiet li jkollhom bzonn *dry cleaning* u wara jmur jigborhom mill-istess post. Mill-provi rrizulta li l-process ta' *dry cleaning* kien isir ghand l-attur tant li kienu ta' kuljum jigbru x-xoghol li jidhol. Il-hlas kien jingabar mill-konvenuti.

5. Il-verzjoni moghtija mill-partijiet dwar in-natura tal-ftehim hija kontrastanti, in kwantu:

(a) L-attur jikkontendi li ma kien hemm l-ebda shab ta' negozju. Kien sempliciment joffri servizz ta' *dry cleaning* tramite l-konvenuti li kienu jithallsu *commission* mill-flus li jigbru. Kemm l-attur u kif ukoll ibnu (Claudio Azzopardi) xehdu li ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' hlas ta' spejjez [ezempju – hlas ta' kera, dawl, salarji].

(b) Il-konvenuti jikkontendu li kienu shab f'socjeta civili u l-profitti kienu jinqasmu bejniethom wara li jinqasmu l-ispejjez [skond il-konvenut Matthew Pace dawn kienu l-kera, salarju u dawl u ilma].

6. Il-hlas li qieghed jintalab huwa ghall-perjodu ta' tmien xhur, igifieri mit-30 ta' Gunju 2000 sal-31 ta' Dicembru 2000 (ara Dok. CA3 a fol. 31 tal-process) li minnu l-attur jikkontendi li thallset biss is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250). Dan huwa perjodu ta' hames xhur kollox. Mill-ammonti ndikati f'dan id-dokument u Dok. CA7 sa CA 9 [fol. 35 – 37] jidher li l-hlas tal-kummissjoni kien qieghed jigi mnaqqas ta' kull xahar.

7. Mill-atti jirrizulta li l-post inghalaq f'Awissu 2001. Mill-istatements li gew prezentati mill-attur jidher li minn Jannar 2001 il-konvenuti baqghu jaghmlu pagamenti f'certi xhur [hekk per ezempju Fl-4/2/2001; fit-2/4/2001; fl-1/5/2001; u fit-30/6/2001). Minn dawn il-pagamenti ma jidhirx li l-konvenuti kienu qeghdin ihallsu lill-attur xi sehem mill-profitt. Jirrizulta l-kuntrarju, u dan huwa wkoll ikkonfermat mir-rendikont ta' *sales* [Dok. CA9 sa CA 12 – fol. 37 – 40] li fl-ebda stadju tal-proceduri ma gew ikkontestati mill-konvenuti. Mill-provi jidher li l-flus mis-*sales* kienu dovuti lill-attur, b'dan li minn dan l-ammont kien inaqqas il-*commission* ta' 23% li l-quddiem saret 25%. Anke l-ammont ta' flus li thallsu fid-dati fuq imsemmija jindikaw li l-hlas kien qieghed isir b'riferenza ghal xahar partikolari. Hekk per ezempju s-*sales* matul ix-xahar ta' Jannar 2001 kien ta' Lm 232.99 (ara dok. CA9 a fol. 37), li wara li titnaqqas 25% jhalli s-somma ta' Lm174.74. Ammont li thallas mill-konvenuti fl-4 ta' Frar 2001 [vide Dok. CA6 a fol. 34]. Jekk il-profitti kienu jinqasmu wara li jitnaqqsu l-ispejjez, wiehed minghajr ma jrid jistaqsi kif sar dan il-pagament da parti tal-konvenuti ?

8. Issa, huwa veru li mill-provi jidher li l-konvenuti kienu qeghdin joperaw b'telf, fis-sens li l-ispejjez kienu qieghed jeccedu d-dhul taghhom. Pero' b'daqshekk it-Tribunal ma jistax jasal ghal konkluzjoni li din ic-cirkostanza tfisser li l-

ftehim kien wiehed li l-ispejjez u l-profitti kellhom jinqasmu bejn il-partijiet f'sehem ugwali. Il-pagamenti li kienu jsiru mill-konvenuti u li jirrizultaw mid-Dokument CA6 [fol. 34] jaghtu ndikazzjoni differenti mill-verzjoni li taw il-konvenuti. Inoltre, kieku l-affarijiet kienu kif xehed Matthew Pace [seduta tal-21 ta' Novembru 2002] ma kien hemm l-ebda skop li l-konvenuti jibqghu jhallsu lill-attur ghaliex matul dak il-perjodu ma jidhirx li kien qieghed isir qliegh. Madankollu jirrizulta [vide Dok. CA6 a fol. 34] li fis-sena 2001 matul perjodu ta' tmien xhur, il-konvenuti hallsu s-somma ta' hames mija u hamsa u tletin lira Maltija (Lm535.53). It-Tribunal ma jistax jifhem kif il-konvenuti baqghu jhallsu meta skond huma l-ftehim kien wiehed li jinqasmu l-profitti wara li jitnaqqsu l-ispejjez. Mid-dokumenti ezebiti jidher li l-ispejjez kienu qeghdin jeccedu d-dhul u madankollu l-konvenuti baqghu jaghmlu hlas lill-attur f'okkazzjonijiet differenti. Fatt li fil-fehma tat-Tribunal huwa konferma li l-ftehim li kellhom il-partijiet kien proprju dak indikat mill-attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf erbgha mija u sebgha u tletin lira Maltija (Lm1,437.01). L-imghax jiddekorri mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------